**19 ta' Frar, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Imħallef Alberto Magri B.A., LL.D.**

Francis Mamo

*versus*

John *sive* Vanni Vella *et*

**Azzjoni ta' Millantazzjoni**

*Il-protest ta' l-attur kien sempliċement reazzjoni għall-pretensjonijiet tal-konvenuti u qatt ma jista' jiġi kkunsidrat bħala millantazzjoni għall-fini ta' din il-kawża.*

*Il-fundament ta' kawża sommarja ta' jattanza mhux it-titolu iżda l-pussess u dan skond ġurisprudenza paċifika u kostanti tal-Qrati tagħna.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-30 ta' Marzu 1989 li

permezz tagħha l-attur wara li ppremetta li l-konvenuti b'ittra interpellatorja tal-25 ta' Jannar 1989 mibgħuta lil Claudio Borg *tramite* l-konsulent legali tagħhom (Dokument A) u b'kontroprotest tad-9 ta' Frar 1989 (Dok. B) ippretendew bħala proprjetà komuni bejn l-attur u l-konvenuti strixxa art wiesgħa għaxar piedi ma' ġemb il-blokk ta' erba' *flats* fil-Qawra li jismu "*Elmo*" Triq it-Trill, liema strixxa art tifforma parti integrali mill-*flat* 1, proprjetà ta' l-attur. Il-pretensjonijiet tagħhom jistgħu wkoll jinftiehmu illi jwasslu għall-konklużjoni illi l-*garage* fuq Triq it-Trill li jifforma parti integrali mill-istess *flat* inbena abbusivament fuq proprjetà komuni bejn is-sidien ta' l-erba' *flats* tal-blokk; illi bi protest tal-31 ta' Jannar 1989 (Dok. Ċ) b'risposta għall-ittra interpellatorja (Dok. A) tal-konvenuti, l-attur irrespinġa l-pretensjonijiet vessatorji tal-konvenuti u interpellahom li jirtiraw l-imsemmija pretensjonijiet fi żmien jumejn *min-notifika lilhom ta'* l-*istess att ġudizzjarju*; illi l-konvenuti mhux talli naqsu milli jagħmlu dan iżda komplew iżidu mal-pretensjonijiet tagħhom bil-kontroprotest hawn anness; illi l-attur irid jeħles lilu nnifsu minn dawn il-pretensjonijiet tal-konvenuti għalhekk **talab** li għar-raġunijiet premessi din il-Qorti:

1. *Tikkundannahom biex fi żmien li jiġi prefiss lilhom* minn din il-Qorti jġibu 'il quddiem b'kawża l-pretensjonijiet li avvanzaw kontra l-attur bl-imsemmija ittra interpellatorja tal-25 ta' Jannar 1989, u kontroprotest tad-9 ta' Frar 1989;

2. In difett għaliex m'għandux minn dina l-Qorti jiġi impost lill-konvenuti silenzju perpetwu;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tal-31 ta' Jannar 1989 kontra l-konvenuti li jibqgħu inġunti minn issa għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fl-10 ta' April 1989 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi ċ-ċitazzjoni hija nulla peress li hija nieqsa minn kawżali ċari li juru t-titolu ta' proprjetà ta' l-attur;

2. Illi mingħajr preġudizzju tal-premess, l-eċċipjenti ma humiex ħatja ta' ebda millantazzjoni għax l-azzjoni tagħhom *m'hix spontanja imma hija provokata* mill-azzjonijiet tal-konvenut, u kienet intiża biss biex tikkonserva u tiddefendi d-drittijiet tagħhom; l-ittra tal-konsulent legali tagħhom tal-25 ta' Jannar 1989, ma tikkontjeni l-ebda interpellazzjoni iżda biss tindika l-posizzjoni reali fil-fatt u fid-dritt;

3. *Illi kien l-attur li bil-protest tiegħu tal-31 ta' Jannar* 1989, irrenda ruħu ħati ta' millantazzjoni fil-konfront ta' l-eċċipjenti li għalhekk qegħdin jirrikonvjenu lill-attur;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

*Omissis;*

Rat il-kontrol-talba tal-konvenuti li biha wara li ppremettew illi:

*Omissis;*

1. Tordnalu biex fi żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur li jiġi prefiss lilu, iġib 'il quddiem b'kawża il-pretensjoni tiegħu kif tidher mill-protest tiegħu tal-31 ta' Jannar 1989 (Dok. Ċ);

*Omissis;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-attur għall-kontro-talba tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-affermazzjonijiet ta' l-attur kif esposti fil-protest ġudizzjarju tiegħu tal-31 ta' Jannar 1989, u li issa qed jifforma l-bażi tar-rikonvenzjoni magħmula mill-konvenuti, saru mill-istess attur b'difiża għall-millantazzjoni oriġinali tal-konvenuti; għalhekk tali affermazzjonijiet ta' l-attur m'humiex spontanji iżda pprovokati mill-konvenuti u konsegwentement ma jistgħux issa jifformaw bażi għar-rikonvenzjoni avvanzata mill-istess konvenuti, kif rikjest u jirriżulta kkonfermat minn ġurisprudenza paċifika u kostanti dwar il-jattanza;

2. Illi bla preġudizzju għall-premess min jagħmel azzjoni ta' jattanza għandu jkollu l-pussess totali, anke jekk *'de facto'* ta' oġġett li dwaru ssir il-millantazzjoni, ad esklużjoni tal-persuna kontra min issir il-kawża tal-jattanza. Il-konvenuti bil-millantazzjoni tagħhom stess qed jiddikjaraw li ma għandhomx il-pussess totali *stante* li jippretendu biss drittijiet ta' komunjoni ma' l-attur fil-parapett mertu tal-kontestazzjoni. L-attur *invece* fl-azzjoni prinċipali tiegħu jafferma li huwa għandu l-proprjetà u pussess assolut ta' l-istess parapett;

*Omissis;*

*Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti u l-atti l-*oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi sfortunatament din il-kawża twalet għalxejn. Ġie mqabbad assistent ġudizzjarju biex jisma' x-xhieda tal-partijiet u minflok li tressqu l-provi limitatament għall-mertu ta' din il-kawża l-partijiet xehdu *in extenso* dwar il-kwistjoni kollha ta' bejniethom. F'din il-kawża kull ma qed jintalab hu li l-konvenuti jingħataw terminu sabiex jipproċedu b'ċitazzjoni biex jipprovaw il-pretensjonijiet tagħhom. Billi saret kontro-talba da parti tal-konvenuti l-kwistjoni tirrisolvi ruħha fuq il-punt jekk il-millantazzjoni saritx mill-atturi jew mill-konvenuti. Konsegwentement din il-Qorti hija mitluba tiddeċidi min mill-partijiet għandu jingħata terminu sabiex jippreżenta l-proċeduri biex jipprova t-titolu tiegħu fuq il-passaġġ prospiċenti l-*garage* proprjetà ta' l-attur;

Ma hemmx kontestazzjoni li, kif issottomettew il-konvenuti fil-kontro-talba, il-kontendenti kienu proprjetarji in komuni ta' kwarta parti kull wieħed u waħda minnhom tal-*flats* magħrufa bħala '*Elmo Flats*', fil-Qawra, u li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin tat-3 ta' April 1981, dan il-blokk ta' *flats* ġie maqsum bejn il-kontendenti billi kull parti ġiet assenjata *flat* u *garage* kif ukoll parti bis-saqaf u mill-partijiet komuni;

Illi bejn id-data li saret il-qasma u ċjoè fl-1981 sa Jannar 1989, ċjoè għal tmien snin sħaħ, ma kienx hemm inkwiet bejn id-diversi proprjetarji tal-*flats*. Issa ġara li l-attur kien ser jittrasferixxi l-proprjetà tiegħu ossija l-*flat* fil-blokk imsemmi lil ċertu Claudio Borg u meta l-konvenuti ndunaw b'dan inkarigaw lill-konsulent legali tagħhom sabiex jiktiblu u jinfurmawh li l-passaġġ wiesa' għaxar piedi fuq Triq it-Trill huwa proprjetà komuni u li ma kinux ser jippermettu l-użu ta' l-istess passaġġ li jista' jmur kontra d-drittijiet tagħhom;

Illi normalment partijiet komuni ta' blokk ta' *flats* ma jħallu ebda dubju dwar in-natura tagħhom. Dawn normalment ikunu jikkontsistu fi tromba tat-taraġ, entrata, bejt, drenaġġ eċċ., Fil-każ in eżami minħabba l-posizzjoni u l-iskop ewlieni tal-passaġġ in kwistjoni, inħasset in-neċessità da parti tal-konvenuti li jibagħtu l-ittra fuq imsemmija. Hawn il-Qorti mhux tenuta teżamina l-validità tal-pretensjonijiet tal-partijiet biss il-fatt li nħasset il-ħtieġa li tintbagħat l-imsemmija ittra tal-25 ta' Jannar 1989 juri biċ-ċar li l-attur kellu l-pussess ta' l-imsemmi passaġġ u li l-konvenuti, mħassba billi l-fond kien ser jiġi ttrasferit lil terzi, permezz ta' l-imsemmija ittra riedu jattiraw l-attenzjoni tat-terzi li huma kellhom drittijiet fuq il-proprjetà in vendita;

Il-protest ta' l-attur tal-31 ta' Jannar 1989 (Dok. Ċ) kien sempliċement reazzjoni għall-pretensjonijiet tal-konvenuti u qatt ma jista' jiġi kkunsidrat bħala millantazzjoni għall-fini ta' din il-kawża. Kif sewwa osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Notaro Edoardo Pellegrini *vs* Giuseppe Sammut" (1-4-21) riportata mill-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu: *"Le allegazione fatte in propria difesa in atti gudiziari dietro provocazione altrui non possono servire di base ad un giudizio di iattanza";*

Illi kif sewwa ssottometta l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, mhux it-titolu li huwa l-fundament ta' kawża sommarja ta' jattanza iżda l-pussess u dana skond ġurisprudenza paċifika u kostanti tal-Qrati tagħna. Illi għalhekk isegwi li l-attur ma kellux għalfejn jagħmel esposizzjoni ċara u dettaljata tat-titolu ta' proprjetà tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad ukoll il-kontro-talba ta' l-

istess konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenuti John *sive* Vanni Vella, Josephine Vella u Agnes Vella biex fi żmien tliet xhur mil-lum iġibu 'l quddiem b'kawża l-pretensjonijiet li avvanzaw kontra l-attur bl-imsemmija ittra interpellatorja tal-25 ta' Jannar 1989 u kontro protest tad-9 ta' Frar 1989, u in difett li jiġu intavolati l-imsemmija proċeduri timponi lill-konvenuti s-silenzju perpetwu;

L-ispejjeż jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.